# IT-TOPONOMASTIKA TA' MALTA
## IL-BAĦRIJA

Alex Camilleri

**Sena ilu kont ktibt dwar l-Imtaħleb u l-inħawi ta' madwaru. F'dak l-artiklu ma setax jonqos li nsemmi l-Baħrija għal darba darbtejn, peress li ż-żewġ postijiet jinsabu maġenb xulxin tant li diffiċli tgħid fejn jispiċċa wieħed u jibda l-ieħor. Minħabba din il-kontinwità ġeografika, bejn l-Imtaħleb u l-Baħrija naraw ukoll xebh naturali u rabtiet storiċi. It-tnejn li huma magħrufin għas-sbuħija tal-pajsaġġ tagħhom imżewwaq b'widien milwiema li jħaddru s-sena kollha, xagħriet għoljin u mirjieħa, sisien weqfin, u baħar fond u miftuħ beraħ li jagħti dehra tabilħaqq salvaġġa. Din id-darba xtaqt naqsam magħkom xi tagħrif propju dwar il-Baħrija, u se nibda sewwasew fejn kont waqaft id-darba l-oħra. Tlaqna…**

### L-IRDUM TAL-VIGARJU U L-QLEJGĦA TAL-BAĦRIJA

Fl-aħħar artiklu konna wasalna sal-***Irdum tas-Sarġ***, li huwa magħmul minn tliet taqsimiet ewlenin, bħall-irdumijiet ta' Ħad-Dingli u l-Imtaħleb: ix-xagħriet għoljin jieqfu ħesrem f'xifer wieqaf li minn taħtu tixref medda mdaqqsa ta' art taflija; din imbagħad tibqa' nieżla f'għamla ta' żurżieqa wiesgħa sa ma tasal f'tarf ta' sies għoli u żonqri li jaqta' dritt għal ġol-baħar. Fi bnadi oħra, dan l-isem narawh fejn ikun hemm xi roqgħa baxxa qisha sarġ jew sella bejn żewġ għoljiet, għalkemm hawnhekk ix-xebh mhux daqstant ċar. F'xi kitbiet qodma, jidher ukoll isem ieħor li aktarx qed jirreferi għall-istess post: ***l-Irdum tas-Segreto*** (jew, skont Castagna, ***Irdum is-Segrieti***), isem li għall-bidu jidher kemxejn stramb jekk mhux ukoll misterjuż. Iżda hawn ta' min jinnota li 'Segreto' kien it-titlu ta' uffiċjal ewlieni tal-Universitas (l-amministrazzjoni lokali ta' Malta fi żminijiet Medjevali u b'mod aktar limitat fi żmien il-Kavallieri) li kien inkarigat, fost oħrajn, mill-artijiet u l-qbiela, u mit-taxxi dovuti lis-sultan. Aktar lejn it-Tramuntana, bejn wieħed u ieħor malli taqbeż l-irziezet qodma f'***Ta' Ġordajna*** u l-posta tas-sajd li tinsab taħthom (***Il-Marġa***), l-irdum jibdel ismu għall-***Irdum tal-Vigarju***. Jidher li f'dawn l-inħawi kemm is-segreto kif ukoll il-vigarju kienu akkwistaw taħt idejhom naqra art mhux ħażin…

Propjament, l-irdum jibdel mhux biss ismu iżda wkoll is-sura tiegħu. Iż-żurżieqa tat-tafal tibda tidjieq u tieħu bixra dejjem aktar wieqfa, u l-passaġġ ċatt ta' mas-sies t'isfel isir aktar imtarraf u mwiegħer. F'punt imsejjaħ ***Ta' Żeppita*** (jew ***Ta' Żeppit***) tispikka qasma tawwalija li tfellel il-faċċata tas-sies. Hawnhekk, il-blat man-naħa tal-Irdum tas-Sarġ tqaċċat pulit qisu maqtugħ b'sikkina u għaldaqstant is-sies sħiħ irtira ftit lura, filwaqt li l-medda l-oħra baqgħet ibbuzzata 'l barra f'għamla ta' ħanek dejjaq li jafuħ bħala ***l-Ħotba l-Kbira***. Darba, xi sajjieda kienu rrakkontawli kif wieħed raġel li kien qed jistad minn hawn fuq, żelaq u kejjilha għal ġol-baħar (***Taħt ta' Żeppita*** jew ***Taħt ta' Żeppit***) bosta sulari 'l isfel. Kien ixxurtjat li ma ġralu xejn, għajr li ħa qatgħa liema bħalha u tixriba tajba. Aktar 'l hinn lejn il-Majjistral, fejn is-sies ewlieni jibda jitbaxxa ftit ftit, hemm għar imdaqqas u mwarrab li jintlaħaq biss b'dgħajsa; s'issa għadni ma nafx x'jismu. Imbagħad imiss ***iż-Żugraga*** (jew ***iż-Żugraga l-Kbira***), ħaġra daqsiex li tqaċċtet mill-quċċata għolja tal-irdum u rrumblat 'l isfel minn fuq it-tafal sa ma straħet eżatt ħdejn xifer is-sies ta' taħt. Tagħti l-impressjoni li qiegħda f'bilanċ prekarju, aktar u aktar meta tqis li qed tistrieħ fuq il-ponta tagħha, appuntu qisha żugraga. Tat ukoll isimha lill-baħar ta' madwarha (***Taħt iż-Żugraga***). Mhux wisq 'il bogħod hemm oħra iżgħar u aktar kwadra li wkoll sabet ruħha f'tarf is-sies. Din tal-aħħar isejħulha ***l-Ġebla*** jew inkella ***ż-Żugraga ż-Żgħira***, u x-xifer fejn tinsab jgħidulu ***l-Pulptu*** billi jisporġi 'l barra bħal pulptu ġo knisja. Taħthom, jiġifieri ***Taħt il-Ġebla***, hemm bħal minżel naturali mnejn is-sajjieda jixxabbtu għal fuq blata mal-baħar li tinsab maqrusa bejn il-Pulptu u ***l-Għoli***, xifer ieħor ismu miegħu fejn tista' tgħid jintemm ħesrem is-sies. Dan għaliex hawn stess jinsab xaqq ġeoloġiku (*fault*) li matulu seħħ ċaqliq tettoniku qawwi hekk li minn hawn 'il quddiem jitfaċċa xatt pjuttost baxx u għeri, imsejjaħ ***Blat il-Baħrija*** jew ***il-Blat tal-Baħrija***, li dwaru se nitkellem aktar tard. Il-grif taż-żewġ blokok ta' art iħaxknu kontra xulxin għadu jidher mal-ġenb mikxuf ta' dan ix-xaqq, tant

li tah ismu (***il-Ġidra tal-Għoli*** – hawnhekk 'ġidra' tindika wiċċ ta' blat kemxejn imqalla' jew mikul).

Qabel ma nħallu għalkollox l-Irdum tal-Vigarju u nkomplu lejn il-Blat tal-Baħrija, ta' min ngħidu xi ħaġa fil-qosor dwar il-quċċata ta' fuq l-irdum, li ġġib l-istess isem (***ix-Xagħra tal-Vigarju***) aktarx għax dari kienet taqa' taħt l-istess sid. Din ix-xagħra tibqa' ħierġa minn mal-kumplament tal-artijiet watjin ta' madwar l-Imtaħleb, u għandha l-għamla ta' qortin tawwali. Ġenbha, li huwa wkoll is-saff ta' fuq nett tal-Irdum tal-Vigarju, fih kotra ta' għerien u mqawel qodma mħaffrin fil-blat artab tas-sekonda, l-istess bħalma konna rajna madwar l-Imtaħleb għalkemm ġeneralment iżgħar. Iżda mbagħad, aktar 'l hinn, il-qortin jirqaq u jitbaxxa sa ma kważi jisfa fix-xejn, sewwasew fejn jinfduh xi passaġġi li jibqgħu neżlin għal ġol-artijiet imżerżqin ta' taħtu. Dan peress li jinsab mikxuf minn tulu fuq żewġ xaqlibiet (imiss mal-Irdum tal-Vigarju fuq naħa u ma' ***Wied il-Baħrija*** fuq l-oħra), hekk li ġarrab l-effetti tal-erożjoni fuq iż-żewġ fronti. U għalkemm l-għonq ta' art li jifred l-irdum mill-ġenb tal-wied jerġa' jibda jogħla, jibqa' rqiq qisu galletta u ftit wara jaqta' ħesrem, bit-tarf tiegħu qisu xprun kbir ippuntat lejn il-Majjistral. Propju taħt dan l-ixprun hemm żewġ tnaqqiriet fondi fejn l-Irdum tal-Vigarju u l-ġenb ta' Wied il-Baħrija nifdu ġo xulxin, bil-ħotba ***Tal-Mas*** imdeffsa bejniethom. Minn hawn, il-blat jerġa' jogħla u tibda quċċata oħra bi ġnub weqfin qisha fortizza naturali kbira, isimha magħha: ***Il-Qlejgħa*** (jew ***il-Qlejgħa tal-Baħrija***, inkella ***l-Qalgħa tal-Baħrija*** bħalma tidher f'xi kitbiet qodma fosthom dawk ta' G.F. Abela u ta' Ciantar. 'Qlejgħa' hija diminuttiv ta' 'qalgħa', kelma qadima li tfisser fortizza jew kastell, u fit-toponomastika dawn iż-żewġ kelmiet narawhom fl-ismijiet mogħtijin lil għoljiet li joffru difiża naturali mill-għedewwa – mhux biss f'Malta (eż. il-Qalgħa tal-Imġarr, Wied il-Qlejgħa, eċċ.) iżda wkoll fi Sqallija (billi l-ismijiet ta' bliet u rħula fil-għoli bħal Caltagirone, Calascibetta, Caltabellotta u Caltavuturo tnisslu minn din l-istess kelma Semitika wara li Sqallija kienet għamlet żmien sew taħt il-ħakma Għarbija). U tabilħaqq fuq il-Qlejgħa tal-Baħrija għad hemm il-fdalijiet importanti ta' raħal iffortifikat li kien inbena hawn fi Żmien il-Bronż, għalkemm illum ma tantx għadhom jidhru daqstant sew. Il-Qlejgħa tkopri medda sew ta' art, sakemm fl-aħħar tintemm f'ponta dejqa (***il-Ponta tal-Qlejgħa*** jew ***il-Ponta tal-Baħrija***) li tħares għal fuq ***Fomm ir-Riħ***, b'veduta panoramika mill-isbaħ tal-parti ta' fuq ta' Malta u saħansitra tan-naħa t'isfel t'Għawdex. Sewwasew taħt ir-riħ tal-Qlejgħa jinsab il-Blat tal-Baħrija li diġà semmejt – u issa wasal il-waqt li naqbdu l-mogħdija li tinfed minn bejn il-Qlejgħa u l-ħotba Tal-Mas u tinżel għal hemmhekk wara li tgħaddi biswit ġabra ta' għerien qodma li kienu abitati fil-Medjuevu u li għadhom jintużaw sal-lum.

## IL-BLAT TAL-BAĦRIJA

Jekk tħalli barra l-medda ta' bejn Wied iż-Żurrieq u Għar Lapsi, il-kosta ta' bejn Ħal Far u Fomm ir-Riħ (magħrufa mal-baħħara bħala ***Wara Malta*** jew ***Mal-Ġebel***, jiġifieri r-rotta li ssegwi l-blat għoli) hija magħmula kollha kemm hi minn sisien weqfin u għoljin, bil-ftit aċċessi naturali għall-baħar tgħoddhom fuq idejk: Wied Żnuber, il-Bassasa u Wied Ganu, il-Blieqa, Wied Babu, ix-Xaqqa, Miġra l-Ferħa, u parti mill-Blat tal-Baħrija msejħa ***l-Blata tal-Melħ***. Din tal-aħħar tintlaħaq b'taraġ maqtugħ fil-blat, u hija pjattaforma ċatta ta' blat żonqri li sfat mgħaddsa 'l isfel minħabba ċaqliq tettoniku fl-inħawi. Is-sies xorta hemm qiegħed, iżda jinsab mgħarraq kważi għalkollox taħt wiċċ l-ilma: hawnhekk, qiegħ il-baħar ma jinżilx għal xejn għal xejn bħalma soltu naraw max-xtut baxxi, anzi malli tħalli l-art mill-ewwel issib baħar fond daqs 50 metru u aktar. Il-Blata tal-Melħ ħadet isimha mis-salini qodma li jiksu partijiet imdaqqsa minnha, u madwarha jidhru diversi opri qodma marbutin mal-ħsad tal-melħ, fosthom: spiera fonda li tinfed mal-baħar sabiex ikun jista' jittella' l-ilma; ***il-Kamra tal-Melħ*** (għar żgħir maqtugħ madwar żewġ sulari aktar 'il fuq fl-irdum, ħdejn it-taraġ dejjaq li jinżel lejn il-Blata u s-salini tagħha); u taraġ ieħor wiesa' u maqtugħ b'ċerta sengħa li jwassal sa mal-baħar biswit l-ispiera.

Matul il-Blata tal-Melħ hemm sensiela ta' posti tas-sajd. L-ewwel waħda, int u ġej mill-Irdum tal-Vigarju, qiegħda ftit qabel it-taraġ ta' mal-baħar, u jgħidulha ***s-Siġġu*** peress li hemm bħal maqgħad naturali fejn sajjied jista' jpoġġi komdu. Fuq in-naħa l-oħra tat-taraġ, hemm il-posta ***Tal-Majjistral*** (hekk imsejħa minħabba l-pożizzjoni tagħha), ***il-Gallarija*** (fejn il-blat huwa maqtugħ minn taħt) u ***l-Imħôsa*** (din imkien ma rnexxieli nsib xi tfisser, u nasal ngħid biss li tinstema' qisha l-plural ta' xi nom mimmat). Aktar 'il hinn, il-blat huwa pjuttost aħrax u ppuntat minħabba l-effett tal-mewġ qalil li hawn jaħkem sew, u għaldaqstant isejħulu ***l-Ingiegeż*** (plural miksur ta' 'niggieża' li ma sibtux fid-dizzjunarju ta' Aquilina). Fl-istess inħawi hemm ukoll ***il-Minfes*** jew inkella ***l-Ġebla Ċavi***; dawn iż-żewġ ismijiet huma minsuġin ħaġa waħda ma' xulxin, u t-tifsira ta' warajhom tagħtihielna ħaġra mdaqqsa u pjuttost ċatta li hemm mistrieħa fuq il-blat samm ta' mal-baħar. Jidher li dari din kienet issaqqaf għar ċkejken (jew aħjar pett) b'saqaf imtaqqab, li kien jinsab eżatt 'il fuq minn wiċċ l-ilma hekk li minnu kien jiżbroffa r-raxx tal-baħar fil-maltemp. Dan il-minfes (bl-Ingliż *blowhole*) maż-żmien sfronda, u kulma fadal minnu huwa ċ-ċavi (jiġifieri ġebla

## WERREJ GĦALL-MAPPA

### L-IRDUM TAL-VIGARJU U L-QLEJGĦA TAL-BAĦRIJA

1 Wara Malta / Mal-Ġebel
2 L-Irdum tas-Sarġ / L-Irdum tas-Segreto / Rdum is-Segrieti
3 Ta' Ġordajna
4 Il-Marġa
5 L-Irdum tal-Vigarju
6 Il-Ħotba l-Kbira
7 Taħt ta' Żeppita / Taħt ta' Żeppit
8 Ta' Żeppita / Ta' Żeppit
9 Iż-Żugraga / Iż-Żugraga l-Kbira
10 Taħt iż-Żugraga
11 Il-Ġebla / Iż-Żugraga ż-Żgħira
12 Il-Pulptu
13 Taħt il-Ġebla
14 L-Għoli
15 Il-Ġidra tal-Għoli
16 Blat il-Baħrija / Il-Blat tal-Baħrija
17 Ix-Xagħra tal-Vigarju
18 Tal-Mas
19 Il-Qlejgħa / Il-Qlejgħa tal-Baħrija / Il-Qalgħa tal-Baħrija
20 Il-Ponta tal-Qlejgħa / Il-Ponta tal-Baħrija

### IL-BLAT TAL-BAĦRIJA

21 Il-Blata tal-Melħ / Il-Kbira / Il-Blata
22 Il-Kamra tal-Melħ
23 Is-Siġġu
24 Tal-Majjistral
25 Il-Gallarija
26 L-Imħôsa
27 L-Ingiegeż
28 Il-Minfes / Il-Ġebla Ċavi
29 Ir-Ras tal-Blata / Ir-Ras tal-Kbira / Ir-Ras
30 Il-Ħarq tal-Blata / Il-Ħalq
31 Il-Blata ż-Żgħira / Iż-Żgħira
32 It-Tumbrell
33 Ir-Ras taż-Żgħira
34 Il-Ħalq taż-Żgħira
35 Ir-Rexxieqa
36 Il-Grampun
37 L-Għar tat-Trozz
38 Il-Ġardin
39 It-Trozz / Tat-Trozz

### FOMM IR-RIĦ U MADWARU

40 Ġebel ir-Raħeb
41 Ir-Raħeb l-Imdendel / L-Imdendel / Ir-Raħeb / Ir-Raħeb l-Imgħarraq
42 Ras il-Knejjes / Ras ir-Raħeb
43 Għajn Bierda
44 L-Irdum ta' Fomm ir-Riħ / L-Irdum ta' Wara d-Djar
45 L-Irdum l-Aħmar
46 Irdum il-Pellegrin
47 Ir-Ramla ta' Fomm ir-Riħ
48 Fomm ir-Riħ
49 Tal-Abatija
50 L-Imġarr ta' Ġewwa / L-Imġarr il-Ġewwieni
51 Wied il-Mielaħ

### IL-BAĦRIJA U MADWARHA

52 Wied Gerżuma
53 Il-Kunċizzjoni
54 Tal-Marġa / Il-Marġa l-Wiesgħa
55 Ta' Gerżuma
56 Ta' Għasfura
57 Ta' Kalumija
58 Il-Qortin l-Imdawwar
59 Il-Ponta tal-Qortin
60 Il-Baħrija
61 Il-Misraħ
62 San Martin / San Martin tal-Baħrija
63 L-Għar l-Iswed
64 Ta' Wied Rini
65 Wied Rini
66 Il-Wajdar
67 Ix-Xagħra ta' Fuq
68 Il-Borom ta' Kosis
69 Ta' Fantin
70 Il-Wied taż-Żebbuġ
71 Ta' Wied iż-Żebbuġ
72 It-Torri
73 Iż-Żinżla
74 Ta' Namura
75 Il-Ġnien tan-Nigra
76 Il-Wied tal-Marġa
77 Ta' Ħbuliet il-Luq
78 Ir-Razzett tas-Sirena
79 Il-Wied tas-Sirena
80 L-Għajn tas-Sirena
81 Wied il-Baħrija
82 Ta' Xafura
83 L-Għajn ta' Snajsna



li torbot saqaf ta' ħnejja) li ċediet għal fuq il-blata ta' taħtha u li donnha qed tistenna 'l-baħar jeħodha minn ħin għall-ieħor.

Hawn wasalna f'wieħed mill-aktar trufijiet esposti f'Malta: ***Ir-Ras tal-Blata***, magħrufa wkoll bħala ***r-Ras tal-Kbira*** jew sempliċement ***ir-Ras***. Din toffri spettaklu f'xi Majjistralata qawwija meta l-mewġ jirkibha u jogħla magħha qisu jrid jiblagħha, iżda f'temp hekk trid tgawdi x-xena mill-bogħod u ma tazzardax tersaq lejha. Imma għala jsejħulha 'tal-Kbira'? It-tweġiba jagħtihielna ***l-Ħarq tal-Blata*** (jew ***il-Ħalq***), ħondoq ġol-baħar li jinsab imrekken warajha u li jaqsam l-art f'biċċtejn. Għaldaqstant, il-parti li diġà rajna jsejħulha ***l-Kbira*** (jew inkella ***l-Blata***) biex jagħrfuha m***iż-Żgħira*** (jew ***il-Blata ż-Żgħira***) li tinsab fuq ix-xaqliba l-oħra, għalkemm l-isem iqarraq xi ftit ġaladarba 'ż-żgħira' fiha tista' tgħid daqs 'il-kbira'! Il-Ħarq tal-Blata (ismu miegħu, peress li 'ħarq' hija kelma oħra għal xaqq) aktarx li huwa l-fdal ta' għar kbir sfrundat, u jifforma daħla tawwalija bil-ġnub weqfin li fuq ġewwa tidjieq f'daqqa qisha lembut u tibqa' dieħla dejjem aktar bħala qasma fonda fil-blat. Din tifred għalkollox iż-żewġ nofsijiet tal-Blata tal-Melħ minn xulxin, għalkemm fuq ġewwa nett tant tidjieq li bi ftit sogru tista' taqbeż minn fuqha san-naħa l-oħra. Minħabba l-għamla partikolari tiegħu, il-Ħarq tal-Blata joffri xi ftit tal-kenn għad-dgħajjes meta l-baħar ikun imċafċaf bir-riħ isfel, iżda ma tridx imqar toqrob lejh meta jkun jaqbel il-Majjistral: il-mewġ dieħel minn faċċata jogħla f'daqqa meta jsib id-djuq u fuq ġewwa nett jibda jsabbat b'qilla liema bħalha u jixrob lura kulma jilħaq.

Hekk kif taqbeż il-Ħarq tal-Blata, daqs nofs triq matul il-Blata ż-Żgħira, hemm posta magħrufa bħala ***t-Tumbrell***, mnejn isir is-sajd għal din il-ħuta. Imbagħad imiss żewġ ħarriġiet qrib xulxin: ***Ir-Ras taż-Żgħira*** (isimha magħha, billi s'hawn tasal il-Blata ż-Żgħira) u ***r-Rexxieqa***. Rexxieqa hija għodda li tintuża, fost oħrajn, fil-kejl tal-qamħ biex tqaxqax iż-żejjed minn kontenitur imfawwar (bl-Ingliż *strickle* jew *scraper*), u fil-fatt din il-blata għandha dan ix-xebh billi mill-bogħod tidher qisha qed tħokk kontra r-Ras taż-Żgħira. Minkejja t-tifsila Semitika, din il-kelma fl-aħħar mill-aħħar tnisslet mill-verb Taljan '*raschiare*' jew aktarx minn varjazzjoni djalettali tiegħu bl-Isqalli. Maqrusa bejn dawn iż-żewġt irjus hemm daħla ċkejkna fil-baħar bil-bokka tħares lejn il-Punent, imsejħa ***l-Ħalq taż-Żgħira***; hawn, għal darb'oħra naraw taħwida bejn il-kliem 'ħalq' u 'ħarq' li hija kemxejn komuni fit-toponomastika Maltija, mhux biss minħabba x-xebh bejn iż-żewġ kelmiet iżda wkoll billi t-tnejn li huma jaqblu mal-għamla tal-post. Pariġġ din id-daħla, hemm oħra kemxejn akbar u bil-ġnub aktar għoljin man-naħa l-oħra tar-Rexxieqa, b'għar żgħir ġol-baħar fuq in-naħa ta' ġewwa tagħha, iżda din s'issa għadni ma nafx x'jgħidulha.

Mir-Rexxieqa 'l hemm, il-kosta terġa' togħla xi ftit, iżda żżomm dehra salvaġġa bħall-bqija tal-Blat tal-Baħrija u l-art tibqa' mfella u mxaqqa peress li f'dawn in-naħat jiltaqgħu l-aktar żewġ sistemi ta' qasmiet ġeoloġiċi importanti tal-gżejjer Maltin: dik tal-Magħlaq li xaqilbet il-gżira ta' Malta mil-Lbiċ lejn il-Grigal (u li b'hekk iffurmat is-sisien għoljin li rajna, minbarra li qatgħet lil Filfla minn ma' Malta) u dik ta' Fomm ir-Riħ li dalwaqt nagħtuha titwila. L-aktar xquq li jispikkaw huma dawk tal-***Grampun***, li jċarrtu l-faċċata wieqfa li tagħti għal fuq il-baħar, u jkomplu taħt wiċċ l-ilma f'forma ta' gandotti fondi fil-blat. Mhux wisq 'il bogħod hemm imbagħad ***l-Għar tat-Trozz***, għar kbir u sabiħ li jittewweb minn taħt il-Ponta tal-Qlejgħa u l-artijiet iħaddru ta' madwarha li jsibuhom bħala ***l-Ġardin***. L-għar għandu l-istess isem bħall-artijiet ta' fuqu (***it-Trozz*** jew ***Tat-Trozz***); dan jista' jkun ġej minn laqam ta' xi ħadd, u minkejja li d-dizzjunarju jorbot dan l-isem mal-kelma 'trozza' li fil-lingwaġġ tal-baħħara tindika pern jew qafla li torbot il-qlugħ mal-arblu tal-bastiment jew inkella pinnur mal-fus li jdur fuqu, ma stajt nara ebda xebh mal-post. F'Tat-Trozz hemm ukoll wied żgħir li jferra' ilmijietu mill-għoli għal ġol-baħar eżatt quddiem il-bokka tal-għar, wara li jinżel minn fuq it-tafal u l-blat artab tal-bajjad (*middle globigerina limestone*) sa ma jilħaq is-sies żonqri ta' taħthom. Ta' min jgħid ukoll li madwar dan il-wied tinstab konċentrazzjoni pjuttost rari ta' għoqod safranin (imsejħin *chert nodules* bl-Ingliż) imxerrdin fil-blat tal-bajjad; dawn jixbhu ż-żnied u meta jinkisru jew jixxellfu jsiru jaqtgħu qishom ħġieġ u għaldaqstant kienu jintużaw fi żminijiet preistoriċi bħala xfafar.

## FOMM IR-RIĦ U MADWARU

Mit-Trozz tgħaddi qasma ġeoloġika oħra qawwija, li bla dubju għenet fit-tiswir kemm tal-wied kif ukoll tal-għar li jinsab taħtu. Tidher sew bħala faċċata wieqfa u lixxa maġenb il-wied; magħha jintemm ħesrem Blat il-Baħrija u jibda ***Ġebel ir-Raħeb***. Hawnhekk il-kelma 'ġebel' tfisser muntanja jew sies għoli, u tabilħaqq dan huwa ħajt żonqri ta' xejn inqas minn ħdax-il sular li jaqta' dritt xemgħa għal ġol-baħar u minn hemm ikompli nieżel sa fond ta' aktar minn sebgħin metru oħra. L-isem huwa marbut ma' leġġenda qadima ta' patri jew eremita, għax hekk tfisser il-kelma 'raħeb'. Mela dan l-imbierek raħeb ma kienx daqstant qaddis, u fettillu jipprova jittanta tfajla li kien lemaħ fl-inħawi. Ħarbet minnu, iżda baqa' jiġri warajha sa ma sabet ruħha maqbuda f'xifer is-sies. Billi ma riditx taqa' taħt idejh, qabdet u tatha għal isfel akkost li ttemm ħajjitha, iżda x-xenqa li kellu wasslitu biex saħansitra qabeż għal warajha – u baqa' mdendel. Din il-leġġenda tnisslet minn skerz tan-natura, għax hemm blata mas-sies li b'naqra fantasija min ikun għaddej minn taħtha fuq dgħajsa suppost jaraha tixbah lil ġisem ta' patri. Il-blata nnifisha jsejħulha

***r-Raħeb l-Imdendel***, inkella ***l-Imdendel***, ***ir-Raħeb***, jew ***ir-Raħeb l-Imgħarraq***. Taħtha hemm għar imdaqqas mal-baħar, b'għonq dejjaq fil-qiegħ li jinfed lejn bokka oħra madwar 25 metru aktar 'l isfel taħt l-ilma; biswit l-istess għar hemm ukoll minfes li tidħol għalih minn bokka żgħira madwar żewġ sulari taħt wiċċ il-baħar.

Il-leġġenda li semmejt nisslet ukoll l-isem ta' waħda mill-irjus ewlenin tal-gżejjer Maltin, ***Ras ir-Raħeb***, fejn il-kosta tikser f'daqqa u s-sies jibda jħares lejn it-Tramuntana minflok lejn il-Lbiċ u l-Punent. L-istess ponta jsejħulha wkoll ***Ras il-Knejjes***, minħabba l-fdalijiet arkeoloġiċi li hemm kważi max-xifer nett (fosthom il-pedamenti ta' bini Puniku jew Ruman, żewġ ħaġriet megalitiċi, bir, u barriera tal-wiċċ), li ilhom magħrufin għal sekli sħaħ u fl-għajdut popolari kienu meqjusin bħala knejjes antiki li ġġarrfu maż-żmien. Fil-qrib, iżda aktar lejn ix-Xlokk, tinsab nixxiegħa permanenti magħrufa bħala ***Għajn Bierda***.

Sewwasew minn Ras il-Knejjes tibda waħda mill-qasmiet ġeoloġiċi ewlenin ta' pajjiżna, l-hekk imsejjaħ '*Great Fault*' li ħanxar il-gżira ta' Malta fi tnejn matul linja netta li tibqa' sejra sa taħt it-Torri tad-Dahar f'Pembroke. Matul din il-linja seħħ ċaqliq tettoniku qawwi li refa' l-artijiet li jinsabu lejn in-Nofsinhar u x-Xlokk tagħha (ngħidu aħna, il-Baħrija, id-Dwejra, il-Mosta, in-Naxxar u Ħal Għargħur) filwaqt li niżżel l-artijiet ta' man-naħa l-oħra (L-Imġarr, Binġemma, Burmarrad u l-Magħtab). Għalhekk, matul din il-linja kollha naraw irdum li jħares lejn it-Tramuntana għal fuq witat ferm aktar baxxi, u huwa dan id-diżlivell f'daqqa li ta ismu lil inħawi bħal San Ġużepp tat-Tarġa (bejn il-Mosta u Burmarrad) u San Pawl tat-Tarġa (ma' tarf in-Naxxar), kif ukoll lil Ġebel San Pietru (taħt Ħal Għargħur). U, m'għandniex xi ngħidu, l-aħjar ħjiel ta' din il-qasma narawh propju mat-tul kollu tal-qala kbira ta' ***Fomm ir-Riħ***. Hawn, sies lixx qisu rħama (jekk fhimt sew, dan huwa ***l-Irdum ta' Fomm ir-Riħ*** jew ***l-Irdum ta' Wara d-Djar*** li jsemmi G.F. Abela) jibqa' dieħel 'il ġewwa minn Ras il-Knejjes sa ma jaħbat mal-***Irdum l-Aħmar***, imlaqqam hekk minħabba d-depożiti Kwaternarji li jagħtuh lewn ħamrani. Filwaqt li s-sies man-naħa ta' Ras il-Knejjes huwa magħmul għalkollox miż-żonqor jew qawwi ta' taħt, u s-saffi l-oħra kollha ta' fuqu jinsabu ħafna aktar fil-għoli (lejn il-Qlejgħa tal-Baħrija), dan ma jgħoddx għall-Irdum l-Aħmar u ***Rdum il-Pellegrin*** li jkompli miegħu. Dawn tal-aħħar huma magħmulin mill-qawwi ta' fuq, u mis-saffi tat-tafal u l-bajjad li jixirfu minn taħtu u li hawnhekk imissu mal-baħar ġaladarba s-saff taż-żonqor safa mgħaddas fil-fond (biex tilħqu, trid togħdos għal fuq sikka kbira li tinsab madwar nofs kilometru 'l barra minn Irdum il-Pellegrin). Ħarsa aktar bir-reqqa turi wkoll effetti oħra tat-tħaxkin tettoniku, fosthom saffi milwijin u mgħawġin ġol-blat li sab ruħu maqrus bejn iż-żewġ blokok. Il-bajja ta' Fomm ir-Riħ isimha magħha għax hi miftuħa beraħ għall-Majjistral u l-Punent, u l-artijet ta' fuqha mhumiex wisq inqas mirjieħa hekk li meta jkun jonfoħ il-Grigal tissogra li jixħtek 'l isfel jekk tittarraf iżżejjed. Fl-unika rokna kennija fuq ġewwa nett tagħha hemm ***ir-Ramla ta' Fomm ir-Riħ***, fil-fatt ċagħqija mdaqqsa aktar milli ramla. Minn Fomm ir-Riħ jibdew ukoll il-Victoria Lines, trunċiera difensiva li kienu bnew l-Ingliżi fis-seklu XIX biex jisfruttaw il-*Great Fault* bħala sur naturali, u l-ewwel medda tagħhom (u aktarx l-inqas magħrufa) tidher bħala foss wiesa' mistur wara l-blat għoli li jagħti għal fuq iċ-ċagħqija. B'xorti ħażina, saritlu ħsara sew madwar 25 sena ilu meta tqatta' l-blat biex parti mill-foss titkabbar f'ġibjun. It-triq li twassal lejn Fomm ir-Riħ min-naħat ta' Binġemma tgħaddi minn ġo żewġ irħula (*hamlets*) tassew ċkejknin u antiki: ***Tal-Abatija*** u ***l-Imġarr ta' Ġewwa*** (jew ***l-Imġarr il-Ġewwieni***). Dan tal-aħħar jissejjaħ hekk biex jagħrfuh mill-Imġarr ta' Barra (jew l-Imġarr il-Barrani) li kien ieħor bħalhom qabel ma kiber fis-sekli XIX u XX biex sar ir-raħal tal-Imġarr li naraw illum.

## IL-WIDIEN TAL-BAĦRIJA

Għal ġo Fomm ir-Riħ ibattlu żewġ widien kbar u misqija b'nixxigħat dejjiema ta' ilma ħelu: ***Wied Gerżuma*** u ***Wied il-Baħrija***. Wied Gerżuma jibda minn ħdejn raħal ieħor ċkejken, ***il-Kunċizzjoni***, li jinsab biswit kappella b'din id-dedika. Ir-raħal innifsu tidħol għalih minn taħt arkata monumentali biswit iz-zuntier tal-kappella, li għandha skrizzjoni fuqha ("Fondazione Paola, 1731") li tindika li nbniet fuq propjetà ta' din il-fondazzjoni msemmija għall-Gran Mastru Antoine de Paule, għalkemm il-kappella nbniet madwar mitt sena wara fi żmien il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena. Il-wied jifred il-Kunċizzjoni minn xagħra mdaqqsa msejħa ***Tal-Marġa*** (marġa tfisser medda ta' art watja) jew inkella ***l-Marġa l-Wiesgħa***, jew aħjar li kienet wiesgħa, għax illum aktar minn nofsha nbela' mill-bini ġdid tal-Baħrija. Din ix-xagħra fiha wkoll xi kalati antiki. Minn taħtha, il-wied jibda nieżel mar-raba' ***Ta' Gerżuma*** u aktar 'l isfel jikser u jibqa' sejjer lejn l-artijiet ***Ta' Għasfura***, qabel ma jieqaf ħesrem f'tarf is-sies; hemmhekk jifforma ċarċara żgħira iżda għolja li fix-xitwa ssawwab ilmijietu direttament għal ġol-baħar qrib ir-Ramla ta' Fomm ir-Riħ.

Fi triqtu lejn Fomm ir-Riħ, Wied Gerżuma jgħaddi bejn żewġ promontorji għoljin, jew aħjar qraten. Dak imsejjaħ ***Ta' Kalumija***, lejn il-Lvant tal-wied, kien ġie ffortifikat fi żmien l-Ingliżi għall-ħabta tal-1898 biex isaħħu punt strateġiku qrib it-tarf tal-Victoria Lines, u fih il-fdal ta' kumpless militari bil-binja ewlenija tiegħu maqtugħa fil-blat u moħbija taħt l-art. Max-xaqliba l-oħra tal-wied hemm ***il-Qortin l-Imdawwar***, ilsien ta' art għolja li jinsab sporġut 'il barra mix-xagħra ta' madwar il-Baħrija u li jifred lil Wied Gerżuma minn Wied il-Baħrija; ħa ismu minħabba li fuq ġenb

minnhom isegwi t-tisripa ta' Wied Gerżuma. Fuq l-art xagħrija tal-qortin hemm għadd ta' fdalijiet arkeoloġiċi, fosthom oqbra, kalati u saħansitra tempju megalitiku żgħir. In-nuqqas ta' apprezzament ta' din il-wirt kulturali ħareġ ċar madwar għoxrin sena ilu, meta partijiet mit-tempju ntradmu bil-ħamrija. Il-Qortin l-Imdawwar imil lejn it-Tramuntana u jintemm f'ħarrieġa dejqa msejħa ***l-Ponta tal-Qortin***.

Wied il-Baħrija wkoll jinżel lejn Fomm ir-Riħ, din id-darba minn bejn il-Ponta tal-Qortin u l-Ponta tal-Qlejgħa. Huwa wied twil, anzi sistema ta' widien, u rasu tinsab f'***Ta' Wied Rini*** ħdejn l-Imtaħleb, fejn qalb ix-xagħri hemm ħafna arbli koroh tat-telekomunikazzjoni li qed jaqgħu biċċa biċċa. ***Wied Rini*** nnifsu huwa wied pjuttost baxx iżda twil, li jinżel bil-mod matul l-artijiet xagħrin tal-***Wajdar*** (kelma li tissemma fid-dizzjunarju, iżda biss bħala toponimu u ma tingħatax tifsira għaliha), ***ix-Xagħra ta' Fuq*** (isimha magħha għax tinsab lejn ras il-wied) u ***l-Borom ta' Kosis***. Dan l-isem tal-aħħar huwa kemxejn kurjuż, ġaladarba ma jidhirx li hemm ebda blata jew struttura qisha borma. Min jaf jekk fil-fatt hux xi plural ieħor minsi ta' 'brama', li tfisser qasma fil-blat jew inkella nixxiegħa taħt l-art? F'din il-parti ta' Wied Rini fil-fatt hemm mina tal-ilma, b'niċċa quddiemha li ġġib l-annu 1875 – forsi bħalha hemm oħrajn ukoll? Jew inkella suppost li niktbu 'borgħom', li hija xitla li tikber fix-xagħri? S'issa għad m'għandix tweġiba. Misturin wara l-mina u n-niċċa, hemm xi oqbra antiki mħaffrin fil-ġenb ta' għolja tawwalija msejħa ***Ta' Fantin***. Wied Rini jikser madwar din l-istess għolja sewwasew ħdejhom, u jgħaddi bejnha u bejn in-naħa l-ġewwenija tax-Xagħra tal-Vigarju. Ftit wara jingħaqad miegħu ***l-Wied taż-Żebbuġ***, wied ieħor imdaqqas li jinżel matul in-naħa l-oħra tal-għolja. Dan jibda mill-artijiet ***Ta' Wied iż-Żebbuġ*** (mhux wisq 'il bogħod mill-kumpless ta' giren imlaqqam ***It-Torri***, li jispikka int u dieħel lejn il-Baħrija min-naħa tar-Rabat), u mbagħad ikompli minn bejn ***iż-Żinżla*** (imsemmi għal siġra taż-żinżel, b'mina oħra tal-ilma qribha) u ***Ta' Namura***, fejn hemm xi għerien li kienu jintużaw bħala mqawel. Fil-qrib hemm ukoll ***il-Ġnien tan-Nigra***, imkennen ġo fergħa ċkejkna tal-Wied taż-Żebbuġ.

Malli jingħaqdu Wied Rini u l-Wied taż-Żebbuġ jibda ***l-Wied tal-Marġa***, mogħni b'miġra ta' ilma ġieri matul is-sena kollha. Għaldaqstant, huwa fost il-ftit imkejjen fejn jikbru xtieli, annimali u siġar li jeħtieġu ambjent umdu, fosthom il-granċijiet jew qwabar tal-ilma ħelu li dan il-wied huwa tant magħruf għalihom u s-siġar salvaġġi tal-luq li taw isimhom lill-artijiet ta' ma' qiegħ il-wied (***Ta' Ħbuliet il-Luq***). Aktar 'l isfel, sewwasew qrib ġemgħa djar qodma magħrufin bħala ***r-Razzett tas-Sirena***, għandu fergħa żgħira (***il-Wied tas-Sirena***) u nixxiegħa bl-istess isem (***l-Għajn tas-Sirena***). Mhux wisq 'il bogħod, il-Wied tal-Marġa jifnad u jibdel ismu għal Wied il-Baħrija. Dan jibqa' nieżel lejn l-artijiet ***Ta' Xafura*** li jinsabu bejn il-Qlejgħa u l-Qortin l-Imdawwar; l-ismijiet "Ta Sciaüra" u "Ta' Sciagura" li jidhru fil-kitbiet ta' G.F. Abela u ta' Ciantar aktarx li huma taħsiriet ta' dan l-isem. Fl-istess inħawi tnixxi għal ġo fih ***l-Għajn ta' Snajsna***, li toħroġ minn taħt il-Qortin l-Imdawwar. Minn hawn, il-wied ikompli triqtu lejn Fomm ir-Riħ, fejn insibu t-tieni ċarċara li tkejjel l-għoli tas-sies. Iċ-ċarċara ta' Wied il-Baħrija hija akbar minn dik ta' Wied Gerżuma u tixħet għal isfel kwantitajiet sew ta' ilma. Hija maqsuma fi tnejn peress li flok taqa' dritt għal ġol-baħar, l-ewwel tferra' mill-għoli għal ġo ħondoq qasir (iżda fond) li jaqta' sa nofs l-għoli tas-sies, imbagħad tfur għal isfel minn fuq il-bokka tal-ħondoq. Billi qiegħ il-ħondoq huwa ftit sulari biss 'il fuq mill-baħar, jintlaħaq mir-raxx tal-baħar u jsibuh bħala ***Wied il-Mielaħ***. Bejnu u Ras il-Knejjes, jiġifieri bi dritt il-Ponta tal-Qlejgħa, hemm wied ieħor qasir bir-raba' maħdum, għalkemm dan ma nafx x'jgħidulu.

Bejn il-Wied taż-Żebbuġ, il-Wied tal-Marġa u Wied Gerżuma hemm medda ta' art għolja fejn jinsab ir-raħal tal-Baħrija. Qabel ma nbelgħet mill-ħafna bini ġdid li tellfilha l-karattru kampanjol tagħha, il-Baħrija kienet raħal ieħor ċkejken u pittoresk bħall-Imtaħleb u l-Kunċizzjoni. Tista' tgħid, kien fiha biss ġabra ta' ftit djar qodma u xi ħwienet żgħar miġburin madwar wesgħa mdaqqsa f'salib it-toroq (***il-Misraħ***), bil-kappella storika ta' ***San Martin*** (imsejħa wkoll ***San Martin tal-Baħrija***) tittawwal għal fuqhom minn wara xi mqawel antiki li hemm fuq ġenb il-Misraħ. Il-kappella li hemm illum inbniet mill-ġdid għall-ħabta tal-1684 u baqgħet isservi bħala l-knisja ewlenija tar-raħal sal-1989 meta postha ħaditulha knisja ġdida li kienet għadha kemm inbniet fuq il-Marġa l-Wiesgħa. Iżda r-raħal ċkejken tal-Baħrija kif ukoll l-ewwel kappella tiegħu kienu diġà jeżistu fl-1575. Taħt ir-riħ tal-kappella, hemm roqgħa tonda u kbira daqs nofs ir-raħal sħiħ, bl-art tagħha kemxejn aktar baxxa minn wiċċ il-blat ta' madwarha. Għalkemm illum tidher pjuttost ċatta, fil-fatt hija ħofra naturali ('dolina') mirduma li fl-aħħar mill-aħħar kienet għar naturali daqsiex mgħawwar mill-ilma tax-xita li jiskula taħt l-art. Dan l-għar baqa' jikber sa ma fl-aħħar sfronda, l-istess bħalma ġara fil-Maqluba ta' ħdejn il-Qrendi, iżda din tal-Baħrija hija eqdem u fuq skala akbar. Fil-fatt, tixbah ħafna lil Ħofret ir-Rizz (ħdejn Misraħ Suffara) li kont semmejt meta ktibt dwar l-inħawi tal-Imtaħleb, u bħalha mhix baxxa daqskemm tidher, għax il-fond veru tagħha jinsab midfun taħt kwantità kbira ta' naqal u ħamrija li mlewha fuq medda ta' eluf ta' snin. Peress li hija kennija u għandha ħamrija fonda, fiha medda mdaqqsa ta' raba' maħdum, qisha oasi qalb ix-xagħri. Għandha ġenb minnhom (man-naħa tal-kappella) aktar għoli mill-bqija, qisu rdum baxx, u fih hemm għar naturali kbir u wiesa' (***l-Għar l-Iswed***) li jħares għal fuq il-ħofra minn wara ħajt tas-sejjieħ qadim li jostorlu l-bokka tiegħu. Fuq in-naħa ta' ġewwa tal-għar hemm kurutur twil li tħaffer fil-blat fi żminijiet aktar reċenti, li jinfed lura għal ħdejn il-kappella wara li jikser għal darba darbtejn; mad-daqqa t'għajn jidher li seta' kien xi xelter imdaqqas ta' żmien il-gwerra.

## GĦELUQ

F'dan l-artiklu nittama li rnexxieli naqsam magħkom tagħrif interessanti dwar it-toponomastika ta' din il-parti mwarrba tal-gżira Maltija, u dwar ir-rabtiet tagħha mal-wirt kulturali, l-ambjent naturali u l-pajsaġġi tant sbieħ ta' dawn l-inħawi. Bħal fil-każ ta' artikli oħrajn, ippruvajt nagħti tagħrif kemm jista' jkun sħiħ permezz ta' stħarriġ fuq il-post u tiftix f'sorsi oħra frammentati. Iżda anke din id-darba ltqajt ma' għadd ta' dettalji neqsin dwar postijiet u fattizzi naturali li bla dubju isem ikollhom, madankollu s'issa la rnexxieli nsibu dokumentat u lanqas ma rnexxieli niksbu mingħand in-nies tal-post li ltqajt magħhom matul is-snin. Għaldaqstant, inħoss li għad hemm aktar x'niskopru, u nistieden lil kull min jaf xi ħaġa oħra dwar dawn l-inħawi biex huwa wkoll jaqsamha mal-qarrejja ta' dan il-perjodiku. Fl-aħħar nett, xtaqt niżżi ħajr lil kull min għoġbu jipprovdili mqar biċċa informazzjoni dwar l-inħawi, għax mingħajr din l-għajnuna ma kontx inkun nista' nikteb dan l-artiklu.

## REFERENZI


Abela, Gio. Francesco (1647): *Della Descrittione di Malta Isola nel Mare Siciliano con le sue Antichità ed Altre Notitie*. Edizzjoni *facsimile* mitbugħa minn Midsea Books Ltd. (1984).

Ciantar, Giovannantonio (1772): *Malta Illustrata, ovvero Descrizione di Malta Isola del Mare Siciliano e Adriatico, con le sue Antichità ed Altre Notizie, Divisa in Quattro Libri, del Commendatore F. Giovanfrancesco Abela, corretta, accresciuta, e continovata dal Conte Giovannantonio Ciantar. (Libro primo e secondo)*. Stamperia del Palazzo MDCCLXXII. Edizzjoni *facsimile* mniżżla mill-internet permezz ta' Google Books.

Ciantar, Giovannantonio (1772): *Malta colle sue città, fortificazioni, terre, villaggi, valloni e luoghi alpestri, con le sue isole adiacenti*. Mappa estratta minn Ciantar, Giovannantonio (1772): *Malta Illustrata* [ara aktar 'il fuq] u riprodotta f'Ganado, A. (2002): *Mellieħa on maps of the 16th to early 19th centuries*, fil-ktieb *Mellieħa Through the Tides of Time* maħruġ mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fl-2002.

Anon (bla data). *Il-Ħajja fil-Medjuevu f'Malta: Noti Importanti* (http://hostingbydavi.info/abelamario/history/wp-content/uploads/2014/04/Il-Hajja-Fil-Medjuevu-FMalta.pdf, kif deher fit-12 ta' Settembru 2014).

Anon (bla data). Kappelli Maltin: *Il-Kappella ta' San Martin - Baħrija* (http://www.kappellimaltin.com/html/san_martin.html, kif deher fit-13 ta' Settembru 2014).

Anon (bla data). Kappelli Maltin: *Il-Kunċizzjoni f'Wied Gerżuma – limiti tar-Rabat* (http://www.kappellimaltin.com/html/wied_gerzuma.html, kif deher fit-13 ta' Settembru 2014).

Aquilina, Joseph (1987): *Maltese-English Dictionary*. Midsea Books Ltd.

*Biedja u Sajd* no. 77-78.

Buhagiar, Keith (2007). *Baħrija: Its archaeological significance*. Melita Historica Vol. XIV no. 4 pp. 357-374.

Buhagiar, Mario (1988). *Two archaeological sites - Ras ir-Raħeb, Malta, and Ras il-Wardija, Gozo*. Melita Historica Vol. X no. 1 pp. 69-87.

Castagna, Pietro Paolo (1866): *Lis Storia ta Malta Bil Gzejer Tahha* (sic). Edizzjoni *facsimile* mitbugħa minn Midsea Books Ltd. (1985).

Dimech, Arturo (1956). *Li Storja tal-Knisja Maltija minn Naufragju ta' San Pawl saz-Zminijiet Taghna*.

Fsadni, Mikiel (1990). *Il-Girna: Wirt Arkitettoniku u Etniku Malti*. Pubblikazzjoni Dumnikana.

Geographical Section General Staff, War Office, GSGS No 3852 (1911-1940). *Malta Sheets I-X*. Ordnance Survey Office (Southampton).

Kunsill Lokali tar-Rabat (Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija) (2013): *Minuti tal-Laqgħa Numru A28* (26 ta' Marzu 2013) (http://www.lc.gov.mt/mediacenter/PDFs/1_Minuti%20Bahrija%20A31.pdf, kif deher fit-13 ta' Settembru 2014).

Kunsill Lokali tar-Rabat (Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija) (2014): *It-Tieni Leġiżlatura: Minuti tal-Laqgħa Numru B02* (4 t'April 2014) (http://www.lc.gov.mt/mediacenter/PDFs/1_Minuti%20tal-Bahrija%20B02.pdf, kif deher fit-13 ta' Settembru 2014).

Pedley, Martyn, Hughes Clarke, Michael & Galea, Pauline (2002): *Limestone Isles in a Crystal Sea: The Geology of the Maltese Islands*. Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.

Rolè, Avertano (2007): *The Terraced Landscapes of the Maltese Islands*. Ippubblikat f'Pedroli B, Van Doorn A, De Blust G, Paracchini ML, Wascher D & Bunce F (ed. 2007). *Europe's living landscapes. Essays on exploring our identity in the countryside*. Landscape Europe/KNNV.

Spiteri, Stephen C. (1996). British Military Architecture in Malta.

*Komunikazzjonijiet personali:*

Patri Martin Caruana (il-Baħrija), 1996.

Dun Alwiġ Deguara (l-Imġarr), 1993.

Jesmond Muscat (Ħad-Dingli), 1999.

Michael Galea (ir-Rabat), 2000.

Timothy Tabone (informazzjoni mogħtija lilu minn nies tal-lokal, f'Fomm ir-Riħ), 2008.

Bdiewa (anonimi) f'dawn il-lokalitajiet: Wied il-Baħrija (1996); Tas-Santi (2004).

Sajjieda (anonimi) f'dawn il-lokalitajiet: It-Trozz (1989, 2001); Ir-Raħeb l-Imdendel (1999); L-Irdum tas-Sarġ (2000); Il-Blata tal-Melħ (2000, 2001); Taħt il-Ġebla (2000); L-Irdum tal-Vigarju (2002); Għar id-Dwieb (2006).